FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA’ GUDIKATURA KRIMINALI
A.MICALLEF TRIGONA LL.D.,MAG.,JUR (EULAW)

ILLUM 1 TA’ FRAR 2017

Il-Pulizija
(Spettur Kevin Borg)

Vs

Anthony Agius

Il-Qorti,

Rat l-imputazjonijiet migjuba kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita numru 266951M talli f’dawn il-Gzejjer fil-perjodu bejn l-1 t’Ottubru 2005 u l-31 ta’ Jannar 2006, b’diversi atti maghmulin fi zmienijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda:

1. kiteb atti li jidhlu fid-dmirijiet tal-kariga tieghu, biddel bil-qerq is-sustanza jew ic-cirkostanzi taghhom, sew billi nizzel pattijiet diversi minn dawk li kienu gew iddettai jew maghmula mill-partijiet, kemm billi iddikkjara bhala verta fatti foloz, jew bhala fatti maghrufa dawk li ma kienux (Art 180 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta);
2. fl-istess data, lok u cirkostanzi, minhabba l-kariga jew imjieg tieghu, kien fid-dmir li jaghmel jew jaghti dikjarazzjoni jew certifikat, ghamel jew ta dikjarazzjoni falza jew certifikat falz ( Art 185(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta);
3. fl-istess perjodu, bhala ufficjal jew impjegat pubbliku, sar hati ta’ reat iehor li hu kellu josserva biex ma jsir jew li minhabba l-kariga tieghu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi (Art 141 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta);

Rat in-nota tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat:

L-imputat jesercita l-professjoni ta’ nutar pubbliku u l-imputazzjonijiet jirrigwardaw allegati nuqqasijiet konnessi ma’ cirkostanza wahda li avverrat ruha fil-kors tal-esercizzju tal-professjoni tieghu. Skond il-prosekuzzjoni, l-imputat iccertifika firma ta’ persuna anzjana bhalikiku saret quddiemu meta dan ma kienx il-kaz. Fi kliem iehor iffirma bhala xhud tal-firma u identita’ ta’ din il-

persuna mhux fil-presenza u kwindi fl-assenza taghha u minghajr ma ikkonferma mal-istess persuna. Huwa fil-fatt akkuzat li bhala ufficjal pubbliku iddikjara bhala veru l-firma tal-anzjana b'dan li meta iccertifika l-firma taghha ghamel dikjarazzjoni falza.

Intant, dwar l-esercizju tal-professjoni tal-imputat, m'hemmx kontestazjoni li hija ta' nutar pubbliku. In kwantu ghad-dokumenti inkriminati r-referenza ghalihom tinsab fil-folio 24 fuq liema tidher l-firma tal-anzjana (Maria Cassar i.d no.560924) oltre tal-imputat fil-kapacita' professjonali tieghu bhala xhud tal-firma. Idem folio 31, 35 u 36. Mill-atti processwali jirrisulta li dawn l-istess dokumenti inkriminati kienu necessarji sabiex socjeta' limitata, li fiha l-imsemmija Maria Cassar ma kelliex taqsam, takwista self mill-BOV garantit b'rahan ta' depositi bankarji f'isimha.

Ikkonsidrat:

Illi jekk ippruvati l-akkuzi huma hafna serji stante l-implikazzjonijiet u l-konsegwenzi li tal volta jistghu joholqu. Il-fatt li fil-kaz 'de quo' hadd mill-partijiet koinvolti ma sofra danni ma jnaqqas xejn mis-serjeta' taghhom. Fil-kaz de qua indipendentement mill-ezitu r-responsabiltajiet tal-imputat jibqaw inalterati.
Dana qeghdha tghidu l-Qorti ghaliex indipendentement minn kollox hi tiggudika skond il-provi li li huma ammissibbli u ghandhom valur probatorju b'dan li hija preklusa li tirrikorri ghal istqarrija tal-imputat li ittiehdet minghajr ma nghata l-opportunita li iffittex assistenza legali. Mill-kumplament tal-provi mresqa mill-prosekuzzjoni l-Qorti tosserva: (i) li ma tistax ma tesprimix ir-riservi taghha fuq ir-relazzjoni tal-espert (illum Avukat) Martin Bajada li kien gie nominat minn dina l-Qorti preseduta mill-wisq kompjant Magistrat Saviour Demicoli fl-atti tal-kawza "Il-Pulizija (Spettur Angelo Gafa) vs Walter Zammit et|" sabiex jaghmel analisi komparati bejn firem allegatament tal-imsemmija Maria Cassar u li minhabba fihom mhux qeghdha taghti valur probatorju lill-konkluzjonijiet hemm espressi. U tispiega ghaliex!!
Li difficilment, dina l-Qorti, tista' qatt taccetta li l-firem tal-imsemmija Maria Cassar kif sottomessi minn terza persuna, hi min hi, jistghew jigu accettati bhala firem awtentici taghha u komparati ma' firem ostensibilment taghha fuq fotokopji minghajr ma ttiehdu kampjuni veri u awtentikati tal-firma taghha mill-espert nominat. Lanqas ma tista l-Qorti taccetta illi tul il-proceduri l-imsemmija Maria Cassar qatt ma tellghat biex tixhed jew minhabba fl-eta avanzata taghha sar tentattiv biex tixhed tramite proceduri konsentiti u esistenti. Minn dan l-aspett id-dikjarazzjoni esebita fil-kors tax-xhieda tal-psikjatra Dottor Peter Muscat, hija elokwenti bizzejjed. Mill-banda l-ohra,il-Qorti mhux qeghdha tahti wisq pis lix-xhieda tat-tabib Mario Scerri, nominat minnha fuq talba tad-difiza, minhabba t-trapass ta' zmien li kien lahhaq qaghda bejn meta sehh l-allegat reat u l-ezami mediku. Mill-kumplament ix-xhieda ammissibli fl-atti ma jippruvawx, il-htija tal-imputat ghar-reati lilu addebitati almenu sal-oneru rikjest 'in criminalibus'.

Ghaldqastant, mhux qeghdha issb l-imputat hati u tilliberah.

A.M.Trigona
Magistrat